MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 181/2004

**Untours Insurance Agents Limited ghal Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta' Tessie Farrugia u l-istess Tessie Farrugia**

**vs**

**Edgar Grima**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat il-5 ta' April tas-sena 2004 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas, in linea ta' danni elf, seba' mija u sitt Liri Maltin, u tmienja u erbghin centezmu, (LM1,706.48,0), lil Untours Insurance Agents Limited nomine u hamsa u ghoxrin Lira Maltin, (LM25.00,0), lil

Tessie Farrugia, liema danni gew ikkagunati lilhom bi htija tal-konvenut fis-7 ta' Gunju tas-sena 2002, fil-Fgura meta sfat danneggjata estensivament il-karozza Seat Cordoba bin-nurmu ta' registrazzjoni CAD – 794 tal-attrici;

2. Bl-ispejjez, inkluzi tlieta u ghoxrin Lira Maltin u sittin centezmu, (LM23.60,0), ta' ittra u konsult u bl-imghax minn notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-4 ta' Mejju tas-sena 2004 li permezz taghha l-konvenut ecepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dan peress illi l-esponenti mhux responsabbli ghall-hsara li giet ikkawzata fil-vettura proprjeta' tal-attrici Tessie Farrugia, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi jsegwi ghalhekk illi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi, u l-konvenut m'ghandux jigi kkundannat ihallas l-ebda ammont;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-ammont pretiz mill-atturi huwa eccessiv;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat ir-relazzjonijiet esebiti;

Rat ukoll id-dokumenti l-ohra esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-incident in dizamina sehh fis-7 ta’ Gunju tas-sena 2002 meta l-vettura tal-marka Seat Cordoba bin-numru ta’ registrazzjoni CAB – 794 proprjeta’ ta’ l-attrici Tessie Farrugia u assigurata mas-socjeta’ attrici kienet ipparkjata fil-“garage” proprjeta’ tal-mama’ ta’ l-imsemmija attrici fi Triq San Xmun, il-Fgura;

2. Illi fil-hin ta’ l-incident l-attrici Farrugia jirrizulta li kienet rieqda, semghet spluzjoni, izda meta harset barra ma ratx hlief nies jigru ghal triq ohra adjacenti ghal taghha;

3. Illi l-istess attrici ssostni li ghamlet hekk hija wkoll;

4. Illi meta waslet fil-post fejn sehh l-incident sabet li kienet sehhet xi spluzjoni fil-“garage” ta’ ma’ genbha li per konsegwenza waqqa’ c-cint tal-“garage” proprjeta’ tal-mama’ ta’ l-attrici u l-gebel, knatan u tifrik waqghu fuq il-karozza proprjeta’ taghha indikata fil-paragrafu numru 1;

5. Illi l-fond li kkaguna l-hsara fuq indikata hu mikri lill-konvenut Edgar Grima;

6. Illi kagun ta’ dan l-incident il-vettura proprjeta’ ta’ l-attrici kif assikurata sofriet id-danni ingenti indikati mill-istess atturi bid-dokumentazzjoni taghhom minnhom ipprezentati, (ara fol 2-11);

7. Illi wara s-“survey” rigorosament kondott is-socjeta’ assikuratrici attrici hallset id-danni kollha sofferti mill-attrici, (ara fol 27) stante li kienet inxurjata “fully comprehensive”, (ara fol 34));

8. Illi l-attrici Farrugia hallset l-ammont minnha dovut bhala “excess”, (ara fol 27 u fol 34);

9. Illi minn analizi xjentifika tal-post fejn sehhet l-ispluzjoni li kkawzat id-danni in dizamina jirrizulta li kien hemm prezenza ta’ fuel fl-arja f’forma ta’ gass jew

“vapour” li giet imqabbda, x’aktarx b’mod incidentali, (ara fol 42);

10.Illi dan x’aktarx kien rizultat ta’ “spray” moghti b’kumpressur minn Edgar Grima l-konvenut li ttiehed l-isptar immedjatament wara l-incident;

11.Illi l-istess konvenut isostni quddiem l-espert forensiku nominat mill-Magistrat Inkwirenti li :

a. Kellu “licence B” li tippermettilu jahdem u jassisti f’kamra tan-nar;

b. Kien jiffrekwenta l-fabbrika “Independence Fireworks Factory” tal-Qrendi;

c. Kien jigbor xi beraq u kien izommhom fil-”garage” in dizamina;

d. Illi fil-“garage” kellu seba’ mitt berqa u tahlita tal-berqa;

12.Illi fil-hin ta’ l-ispluzjoni jirrizulta li l-konvenut kien qed jahdem b’ ”chaser” f’idejh;

13.Illi skond l-istess espert forensiku l-ispluzjoni fil-fond de quo “ippressat fuq l-istruttura b’mod omnidirezzjonali”, (ara fol 61);

14.Illi ghalhekk l-ispluzjoni imbuttat il-hitan ‘il barra u per konsegwenza ikkagunat il-hsarat fuq il-vettura meritu ta’ din il-procedura;

15.Illi spluzjoni ta’ oggetti piroteknici hi eskluza mill-espert nominat;

16.Illi l-ispluzjoni sehhet minhabba “l-prezenza ta’ “fuel” … fl-arja fil-forma ta’ gass jew “vapour” li kienet f’koncentrazzjoni “oghla mill-lower explosion limit” ta’ l-istess fuel”, (ara fol 62), li giet incendjata permezz ta’ sors kompetenti;

17.Illi fil-fond de quo jirrizulta wkoll li kien isir sprejjar ta' vetturi;

18.Illi jirrizulta li x-xoghol bic-“chaser” mill-konvenut sar wara li hu kien gia' sprejja, u allura jirrizulta abbundantement li kien il-kawza diretta ta' l-incident de quo;

19.Illi d-danni sofferti mill-atturi jirrizultaw li jammontaw komplessivament ghal elf, seba' mija u wiehed u tletin Lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu, (LM1,731.48,0);

20.Illi s-socjeta' attrici li ghamlet tajjeb ghad-danni sofferti mill-attrici Farrugia hi debitament surrogata fid-drittijiet taghha;

Illi in vista tal-premess jirrizulta abbundantement assodat li l-konvenut Edgar Grima hu unikament responsabbli ghall-incident in dizamina billi kkawza l-ispluzjoni fuq indikata li konsegwenza taghha l-atturi soffrew id-danni minnhom rikjamati permezz ta' din il-procedura;

Ghaldaqstant din il-qorti, in vista tal-premess:

1. Tiddikjara li l-konvenut Edgar Grima hu unikament responsabbli ghall-incident in dizamina billi kien il-kawza diretta ta' l-ispluzjoni li kkagunat id-danni in dizamina;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi Untours Insurance Agents Limited u Tessie Farrugia fl-ammont komplessiv ta' elf, seba' mija u wiehed u tletin Lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu, (LM1,731.48,0), kwantu ghal elf seba' mija u sitt Liri Maltin u tmienja u erbghin centezmu, (Lm1,706.48,0) favur is-socjeta' attrici fuq indikata u kwantu ghal hamsa u ghoxrin Lira Maltin, (LM25.00,0), favur l-attrici fuq ukoll indikata;

3. Tikkundanna lill-konvenut Edgar Grima biex ihallas l-ammonti hekk likwidati lill-atturi fuq indikati, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------